




# Iben dehen tal-Mosta Joseph G.M. Borg (1937-2016) ... xi tagħrif u osservazzjonijiet

- *Prof. George Cassar*

Għodwa waħda, ftit xhur ilu, mal-Mosta ġriet l-aħbar li kien għadda għall-ħajja ta' dejjem wieħed mill-aktar persuni ntiżi fuq raħal twelidhom. Ngħid raħal, għaliex meta twieled Joe, nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 1937, il-Mosta ma kinitx akbar minn raħal b'popolazzjoni ta' madwar 4,743 persuna. Fuq fomm dawk li kienu jafuh, nhar il-31 ta' Mejju tal-2016, kien hemm biss kelma waħda: "ħalliena Joe Borg ta' Mattew"; għax hekk kienu jsibuh dawk tamparu u li miegħu kibru f'dan ir-raħal li matul is-snin rawh jinfirex u jimtela bin-nies, bil-bini u b'dak kollu li jagħmlu modern u attraenti u hekk sar belt.

Joe Borg jgħarrafna fil-bijografija tiegħu li tidher fuq il-qoxra tal-ktieb *It-Toroq tal-Mosta: Ismijiet u Tagħrif Dwarhom,* li kien ġie ppubblikat mill-Kunsill Lokali tal-Mosta fl-1998, li hu kien bin Mattew u Margerita mwielda Sciberras. Kien ukoll miżżewweġ lil Mary neè Zerafa. Jgħidilna li ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Mosta, u wara fil-Kulleġġ San Albertu l-Kbir, il-Liċeo, u fl-aħħar fil-Kulleġġ San Mikiel għat-Taħriġ tal-Għalliema. Joe għalhekk sar għalliem u ddedika ruħu għall-oħrajn biex ikunu bnedmin aħjar u jiżviluppaw it-talenti u l-abbiltajiet tagħhom u dan għamlu billi għallem fl-iskejjel primarji tal-gvern għal wieħed u erbgħin sena sħaħ.



Imma Joe Borg ħass li l-vokazzjoni tiegħu ta' edukatur kellha tmur lil hinn mill-klassi. Iddeċieda li kellu jibda jikteb ukoll dwar il-Mosta biex b'hekk jgħarraf lin-nies bil-wirt kulturali ta' raħal twelidu. Tista' tgħid li matul ħajtu, sakemm tagħtu saħħtu, kiteb kemm felaħ fuq il-Mosta u l-knisja tagħha, li għalih kienu l-mimmi t'għajnejh. Insibu l-kitba tiegħu fil-gazzetti *Il-Berqa, Il-Leħen is-Sewwa,* u *Il-Mosta.*

Kif għedna, Joe kien jitgħaxxaq bil-knisja arċipretali tal-Mosta, iddedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija. Fil-ktieb *Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet,* ippubblikat mill-Kunsill Lokali tal-Mosta fl-2007, Joe kien intalab jinkludi sezzjoni fuq dak kollu li fiha r-Rotunda. Hu ħass li kellu jinkludi dan li ġej biex jiġbor dak kollu li kien iddeskriva dwar il-knisja.

*"Din hi r-Rotunda tal-Mosta. Il-Pantheon ta' Malta. Knisja li hi mdawra kollha kemm hi bil-ġmiel tad-dija tas-Sema għax hija monument kbir ta' fidi u mħabba. Knisja fuq kollox li hi Santwarju u għalhekk xhieda qawwija tul iż-żmien tad-devozzjoni tal-Mostin lejn il-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u bil-ġisem."*

Joe tant kien iħobb ir-Rotunda u kien jara fiha xi ħaġa speċjali li ma setax iżomm moħbija xewqa li kellu u li ma hemmx dubju li kienet kibret ġewwa fih matul s-snin. Il-konklużjoni tal-intervent tiegħu fil-ktieb li għadna kif semmejna kellu t-titlu 'Rotunda li jixirqilha l-unur ta' bażilika'. Kienet ħolma li forsi ħafna rawha diffiċli biex isseħħ imma nhar il-15 ta' Awwissu 2015 ingħatat aħbar li ferrħet lill-Mostin u ġegħlithom iċċapċpu u jittamaw. Wara li l-Arċisqof

ta' Malta, Mons. Charles Scicluna, ħabbar waqt il-paniġierku li minn dik is-sena r-Rotunda kienet se tkun il-katidral tiegħu għall-festa ta' Santa Marija għax kien se jqaddes il-quddiesa tal-festa hemmhekk kull sena, l-Arċipriet Dun Albert Buhagiar talbu biex jaċċetta li l-parroċċa tal-Mosta tapplika biex issir bażilika. Mons. Scicluna tah il-permess u qallu li jittama li l-Papa jilqa' din it-talba. Hekk ix-xewqa li kien wera Joe Borg setgħet tibda tiżviluppa. Joe m'għadux magħna biex isegwi din il-mixja imma żgur li jkompli jsegwiha minn ħdejn Ommna Marija Assunta li hu tant kien iħobb u jfaħħar.

Lil Joe jien kont iltqajt miegħu meta sirt editur tal-Annwal tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija fl-2002 u kont nitolbu artikli għal din il-pubblikazzjoni. Meta mbagħad fl-2006 ġejt maħtur editur tal-magażin *Il-Mosta,* lil Joe kont nitolbu artiklu għal kull ħarġa. Meta l-Arċipriet Dun Mario Tong kien fada l-pubblikazzjoni *Il-Mosta* f'idejja, ħassejna li kellna nagħtuha bixra differenti li tmur aktar maż-żmien attwali u għalhekk minn format ta' gazzetta dawwarnieha f'magażin u daħħalna ftit aktar kulur u aktar artikli varji. Nista' ngħid li Joe kien dejjem jibgħat l-artiklu tiegħu. Kien jibgħatuli d-dar bil-posta u kien ikun miktub bl-idejn – kitba pulita ta' għalliem tal-*oldschool* kif ngħidu. Għalhekk kien ikollna nittajpjaw kollox aħna – xogħol li kienet tagħmel il-mara tiegħi Pauline – biex hekk il-kitba ssir dokument għall-kompjuter.

Il-kitba għal Joe Borg kienet parti minn ħajtu u kull min kien ikollu xi pubblikazzjoni fuq il-Mosta jew fil-Mosta, bħal ngħidu aħna l-annwali tal-każini Mostin, kien x'aktarx jitolbu xi artiklu, u Joe fedelment kien jaċċetta u jaqdi lil kulħadd. Kiteb għexieren ta' artikli barra li kiteb il-ktieb fuq il-Ġimgħa l-Kbira maħsub għat-turisti. Din il-pubblikazzjoni li jisimha *Good Friday Procession – Mosta, Malta* ħarġitha l-Parroċċa tal-Mosta fl-1986 u kellha test bil-Malti miktub minn Joe, u traduzzjoni bl-Ingliż. Ta sehmu wkoll fil-ktieb *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* li kienet ġabra ta' kitbiet ta' E.B. Vella u numru mdaqqas ta' kittieba oħra li ħareġ fl-1972 mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù.

Minn bijografija oħra li dehret fil-ktieb *Il-Kelma li Tmantni r-Ruħ –Antoloġija ta' kitbiet minn awturi Mostin,* li ħarġet fl-2004 mill-Kunsill Lokali tal-Mosta, joħorġu ħiliet oħra li kellu Joe. Hawnhekk hu jikteb li kien għamel xogħol volontarju b'risq il-knisja arċipretali li kien jikkonsisti f'disinji għal oġġetti varji. Hekk pereżempju ddisinja tron ċkejken b'pedestall miegħu għall-Bambin tal-Milied u l-girlanda fejn tpoġġa r-relikwarju tal-Veru Sinjur. Iddisinja għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira l-bandalori tas-Seba' Kelmiet, il-bandalori li jkun hemm quddiem kull statwa, il-fraċen bl-erba' bankini tagħhom, u numru ta' lbiesi li jintlibsu minn dawk li jkunu qed jimxi fil-purċissjoni. Joe ta sehmu wkoll fl-armar ta' barra tal-festa ta' Santa Marija għax għamel id-disinn tal-kolonna tat-tliet anġli u ta' xi brazzi li jitpoġġew f'idejn l-anġli li jintramaw fi Pjazza Rotunda.

Ta' iben dehen tal-Mosta ma setax jonqos li l-Kunsill Lokali jirrikonoxxi ħidmietu billi jagħtih l-onorifiċenza 'Ġieħ il-Mosta' fl-2003.

L-aħħar kitba mill-pinna ta' Joe Borg li dehret fil-Mosta qabel ma ħalliena kienet dik dwar il-festi li kienu jkunu ċċelebrati fir-Rotunda kif kien jiftakarhom hu. Dan l-artiklu kien ippubblikat fil-ktieb *Mill-Mosta 'l Barra* f' Novembru tal-2015 mill-Kumitat Sezzjonali PN Mosta. Kienet l-aħħar biċċa xogħol ta' Joe Borg li jien editjajt.

Hemm ħafna aktar xi tgħid fuq ħabibna Joe imma dak inħallieh għal min kien aktar qrib tiegħu u li kien jafu aktar minni.

Joseph G.M. Borg m'għadux magħna bil-ġisem imma ma nistgħux ninsewh u dan għaliex il-ħafna kitbiet tiegħu jibqgħu magħna u jfakkruna kontinwament fih. Ma tistax tikteb xi ħaġa fuq ir-Rotunda jekk qabel ma tikkonsultax dak li kiteb Joe matul is-snin. Ikun xieraq jekk mal-ewwel opportunità isir xi ħaġa biex ismu jibqa' verament ħaj, pereżempju billi tissemma triq għalih jew forsi xi misraħ, jew xi ġnejna. Forsi wkoll isir xi mafkar. L-importanti hu li l-Mosta tirreċiproka dak ir-rispett li Joe wera tul ħajtu kollha lejn din il-belt maħbuba tiegħu u tagħna.